# AVVIŻ LILL-IMPORTATURI TAT-TAJERS

Kif diġa' ġie mħabbar, mill-1 ta' Jannar 2015, kif inhu meħtieġ bil-liġi u kif stipulat fl-aħħar Baġit, il-Gvern introduċa t-taxxa tas-Sisa fuq it-tajers pnewmatiċi kollha.

Id-Dazju tas-Sisa jrid jithallas jew (i) meta t-tajers jiġu mportati f'Malta u dawn jiġu rilaxxati bil-proċess dirett jew (ii) fi żmien 90 ġurnata mid-data ta' rilaxx għal konsum minn ġewwa maħżen tas-sisa taħt suspensjoni mit-taxxa.

Dwar tal-ewwel (i), l-importaturi għandhom jgħaddu d-dikjarazzjoni tagħhom fis-sistema elettronika tad-Dwana (CES), irrispettivament minn fejn ġejjin it-tajers. Tal-aħħar (ii), l-importaturi għandhom jgħaddu d-dikjarazzjoni biex ikunu jistgħu jaħżnu l-merkanzija tagħhom u b'hekk it-tajers ikunu jistgħu jiġu maħżuna fl-imħażen tas-sisa taħt it-taxxa sospiża. Huwa mifhum li din tal-aħħar hija probabbli l-aktar vantaġġjuża għal importaturi u b'hekk wieħed jassumi li l-importaturi jagħżlu li joperaw b'din il-proċedura.

Għalhekk, dawk l-importaturi li jixtiequ japplikaw ghall-Liċenzja ta' Maħżen tas-Sisa, anke jekk diġa' għandhom il-Liċenzja ta' Maħżen tad-Dwana, għandhom immedjatament jikkuntattjaw lid-Dipartiment tad-Dwana, Sezzjoni Sisa (25685200) biex jibdew il-proċedura għar-reġistrazzjoni.

Dawn li ġejjin huma d-dokumenti meħtieġa li għandhom jiġu ppreżentati mal-applikazzjoni, korrettament mimlija.

1. Kopja taċ-Ċertifikat tal-VAT tal-kumpanija;
2. Il-Memorandum tal-Assoċjazzjoni u l-Artikli;
3. Il-Lista tad-Diretturi tal-kumpanija;
4. Il-Kondotta tal-Pulizija ta' kull direttur;
5. Kopja tal-Karta tal-Identita' ta' kull direttur;
6. Il-pjan tas-sit fejn ikun indikat bl-eżatt il-lokal ta' fejn ser ikun il-Maħżen tas-Sisa; u
7. Il-pjanta tal-Arkitett tal-bini li ser jintuża bħala Maħżen tas-Sisa.

Meta l-applikazzjoni sottometta tkun qiegħda fil-proċess li tiġi approvata, id-Dipartiment tad-Dwana jirrikjedi garanzija bankarja, liema ammont tagħha jiġi determinat mid-Direttur Ġenerali (Dwana) kif ikun meħtieġ.

Dawn hawn taħt imsemmija huma l-oġġetti li d-dazju tas-sisa huwa dovut fuqhom skont Skeda Ħamsa B tal-Kap 382 – Att dwar Dazju tas-Sisa:

Kull oġġett li jaqgħa taħt l-Intestatura Komodita' – 4012 – Tajers b'wiċċ ġdid jew tajers pnewmatici wżati tal-gomma, solidi jew tajers kuxxin, u dawk l-oġġetti kollha li jaqgħu taħt dawn l-HS Codes li ġejjin hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 4011 10 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, ta' tip użat f'karozzi privati |
| 4011 20 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, ta' tip użat f'karozzi tal-linja jew trakkijiet |
| 4011 30 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, ta' tip użat fuq bċejjeċ tal-ajru |
| 4011 40 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, ta' tip użat f'muturi |
| 4011 50 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, ta' tip użat f'biċikletti |
| 4011 61 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, li fihom disinn 'tal-wiċċ' xewka jew bħalu, ta' tip użat fuq vetturi u magni agrikoli jew għall-foresti |
| 4011 62 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, li fihom disinn 'tal-wiċċ' xewka jew bħalu, ta' tip użat fuq vetturi u magni tal-bini jew għall-immaniġġar industrijali u li għandhom qies ta' rimm mhux akbar minn 61cm |
| 4011 63 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, li fihom disinn 'tal-wiċċ' xewka jew bħalu, ta' tip użat fuq vetturi u magni tal-bini jew għall-immaniġġar industrijali u li għandhom qies ta' rimm akbar minn 61cm |
| 4011 69 | tajers pnewmatiċi ġodda oħra, ta' gomma, li fihom disinn 'tal-wiċċ' xewka jew bħalu |
| 4011 92 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, li ma fihomx disinn 'tal-wiċċ' xewka jew bħalu, ta' tip użat fuq vetturi u magni agrikoli jew għall-foresti |
| 4011 93 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, li ma fihomx disinn 'tal-wiċċ' xewka jew bħalu, ta' tip użat fuq vetturi u magni tal-bini jew għall-immaniġġar industrijali u li għandhom qies ta' rimm mhux akbar minn 61cm |
| 4011 94 | tajers pnewmatiċi ġodda, ta' gomma, li ma fihomx disinn 'tal-wiċċ' xewka jew bħalu, ta' tip użat fuq vetturi u magni tal-bini jew għall-immaniġġar industrijali u li għandhom qies ta' rimm akbar minn 61cm |
| 4011 99 | tajers oħra pnewmatiċi ġodda, ta' gomma |

L-oġġetti li jidhru hawn taħt għandhom ikunu suġġetti għad-dazju tas-sisa li huwa ta' €0.70 fuq kull kilogramm:

HS Code 4011 10

HS Code 4011 40

HS Code 4011 69

HS Code 401199

HS Code 4012

L-oġġetti li jidhru hawn taħt għandhom ikunu suġġetti għad-dazju tas-sisa li huwa ta’ €0.70 ghal kull kilogramm sa massimu ta’ €24.50 fuq kull oġġett:

HS Code 4011 20

HS Code 4011 30

HS Code 4011 61

HS Code 4011 62

HS Code 4011 63

HS Code 4011 92

HS Code 4011 93

HS Code 4011 94

Huwa mportanti li wieħed jinnota li HS Code 4011 50 huwa suġġett għar-rata ta’ €0.00 għal kull kilogramm.

Huwa ta’ importanza wkoll li wieħed ikun jaf li jekk laħaq tħallas xi dazju tas-sisa żejjed, mill-1 ta’ Jannar 2015, taħt l-oġġetti li jaqgħu taħt dawn l-HS Codes:

HS Code 4011 20

HS Code 4011 30

HS Code 4011 61

HS Code 4011 62

HS Code 4011 63

HS Code 4011 92

HS Code 4011 93

HS Code 4011 94

dawn se jiġu rifonduti.  Talba għar-rifond għal dazju li tħallas żejjed fuq konsenji, flimikien ma' dokumenti kollha relatati, għandhom jiġu ndirizzati lis-Sur Lawrence Sammut, fl-Excise Refund Processing Office, Dipartiment tad-Dwana.

Id-Dipartiment tad-Dwana javża li b'effett immedjat, is-Sezzjoni tas-Sisa ser testendi s-servizzi tagħha għall-importaturi anke is-Sibtijiet mit-8 ta' fil-għodu sa nofsinhar.

**J CHETCUTI**

**Direttur għas-Sisa**

**Għad-Direttur Ġenerali**